KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-2 ta' Mejju 2018[1]

**Kawża C-214/17**

**Alexander Mölk**
**vs**
**Valentina Mölk**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Protokoll ta' Den Haag dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment – Manteniment – Sitwazzjoni li fiha l-kreditur u d-debitur ta' manteniment għandhom ir-residenza abitwali fi Stati Membri differenti – Talba tad-debitur għat-tnaqqis tal-ammont tal-manteniment – Determinazzjoni tal-liġi applikabbli"

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija t-tieni waħda li biha l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) qiegħda tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta l-Protokoll ta' Den Haag tal-2007[2].

2. Din id-darba, id-dubji tal-qorti tar-rinviju jirrigwardaw lill-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Din id-dispożizzjoni tipprovdi li meta l-kreditur iressaq talba għall-manteniment quddiem l-awtorità tal-Istat fejn id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, il-liġi applikabbli tkun dik tal-forum (*lex fori*).

3. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tiċċara jekk il-*lex fori* tapplikax ukoll fil-proċeduri mressqa mid-debitur. Id-dubji tal-qorti tar-rinviju li huma s-suġġett ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari qamu fil-kuntest ta' proċedura mressqa quddiem l-awtorità tal-post tar-residenza abitwali tad-debitur u li fil-kuntest tagħha l-imsemmi debitur talab tnaqqis fl-ammont tal-manteniment, li qabel kien ġie ordnat iħallas abbażi tal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur fil-kuntest ta' proċedura mibdija fuq inizjattiva tal-kreditur.

1 Lingwa oriġinali: il-Pollakk.

2 Dan il-protokoll jinsab anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/941/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Protokoll tal-Aja, tat-23 ta' Novembru 2007, dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment (ĠU 2009, L 331, p. 17: iktar 'il quddiem il-"Protokoll ta' Den Haag tal-2007"). L-ewwel rinviju preliminari kien jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 fi proċedura li fiha l-kreditur kien talab l-arretrati tal-manteniment għall-perijodu ta' qabel il-ftuħ tal-imsemmija proċedura. Dak ir-rinviju għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fit-30 ta' Jannar 2018 ippreżentajt il-konklużjonijiet tiegħi f'dik il-kawża. Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża KP (C-83/17, EU:C:2018:46). Huwa importanti li jiġi osservat li, b'kuntrast ma' dan ir-rinviju preliminari, il-Kawża KP kienet tikkonċerna sitwazzjoni fejn il-bdil tar-residenza abitwali ta' waħda mill-partijiet involuti fl-obbligu tal-manteniment seħħ matul il-perijodu rilevanti għall-iskopijiet tad-deċiżjoni dwar il-manteniment.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

*1. Il-Protokoll ta' Den Haag tal-2007*

4. L-Artikolu 3(1), l-Artikolu 4(1)(a) u l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jipprovdu:

"Artikolu 3

Regola ġenerali dwar il-liġi applikabbli

1. L-obbligi ta' manteniment għandhom ikunu rregolati mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur, sakemm il-Protokoll ma jipprevedix mod ieħor.

[…]

Artikolu 4

Regoli speċjali li jiffavorixxu lil ċerti kredituri

1. Id-dispożizzjonjiet li ġejjin għandhom japplikaw f'każ ta' obbligi ta' manteniment ta':

a) ġen[]ituri lejn uliedhom;

[…].

3. Minkejja l-Artikolu 3, jekk il-kreditur diġà jkun irrikorra għall-awtorità kompetenti tal-Istat fejn id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, il-liġi tal-forum għandha tapplika. Madanakollu, jekk il-kreditur ma jkunx jista', permezz ta' din il-liġi, jikseb manteniment mingħand id-debitur, il-liġi tal-Istat fejn il-kreditur ikollu r-residenza abitwali għandha tapplika.

[…]".

5. Skont l-Artikolu 7(1) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, intitolat "L-għażla tal-liġi applikabbli għall-fini ta' proċediment partikolari":

"Minkejja l-Artikoli 3 sa 6, il-kreditur u d-debitur tal-manteniment għall-fini biss ta' proċediment partikolari fi Stat speċifiku jista' jagħżel espressament il-liġi ta' dak l-Istat bħala l-liġi applikabbli għal obbligu ta' manteniment".

6. Skont l-Artikolu 8(1)(b) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, intitolat "L-għażla tal-liġi applikabbli", minkejja l-Artikoli 3 sa 6, il-kreditur u d-debitur tal-manteniment jistgħu, fi kwalunkwe ħin jagħżlu, il-liġi tal-Istat li tiegħu xi waħda mill-partijiet hija residenti abitwali fil-mument tal-għażla.

*2. Ir-Regolament (KE) Nru 4/2009*

7. Id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-ġurisdizzjoni internazzjonali fil-qasam tal-obbligi tal-manteniment jinsabu fil-Kapitolu II ("Ġurisdizzjoni") tar-Regolament Nru 4/2009[3]. Fost dawn id-dispożizzjonijiet, l-Artikolu 3, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", li huwa ta' importanza fundamentali, jipprovdi kif ġej:

"Fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment, fl-Istati Membri, il-ġurisdizzjoni għandha tkun f'idejn:

a) il-qorti tal-post fejn il-konvenut għandu r-residenza abitwali tiegħu, jew

b) il-qorti tal-post fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu, jew

[…]".

8. Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 4/2009, intitolat "Ġurisdizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-konvenut":

"Apparti mill-ġurisdizzjoni li toħroġ minn disposizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, qorti ta' Stat Membru fejn il-konvenut ikun deher għandha jkollha l-ġurisdizzjoni. Din ir-regola m'għandhiex tapplika jekk il-preżenza saret biex tkun ikkontestata l-ġurisdizzjoni".

## III. Il-fatti fil-kawża prinċipali

9. Alexander Mölk, li huwa d-debitur fil-kuntest tal-obbligu ta' manteniment mertu tal-kawża prinċipali, huwa missier il-kreditriċi, Valentina Mölk. Sa minn ftit snin ilu, id-debitur, A. Mölk, għandu r-residenza abitwali tiegħu fl-Awstrija, filwaqt li l-kreditriċi, V. Mölk, għandha r-residenza abitwali tagħha fl-Italja.

10. Skont digriet tal-Bezirksgericht Innsbruck (il-Qorti Distrettwali ta' Innsbruck, l-Awstrija) tal-10 ta' Ottubru 2014, id-debitur huwa obbligat iħallas lill-kreditriċi manteniment mensili ta' EUR 650. Dan id-digriet dwar il-manteniment ġie adottat abbażi tad-dritt Awstrijak. Il-proċedura li tat lok għad-digriet tal-10 ta' Ottubru 2014 tressqet fuq inizjattiva tal-kreditriċi.

11. Fl-2015, id-debitur ressaq quddiem il-Bezirksgericht Innsbruck (il-Qorti Distrettwali ta' Innsbruck) talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-manteniment minn EUR 650 għal EUR 490, b'effett mill-1 ta' Frar 2015[4]. Insostenn ta' din it-talba, id-debitur kien iddikjara li d-dħul tiegħu kien naqas minħabba li waqaf il-primjum annwali li qabel kien jirċievi. Il-kreditriċi talbet li t-talba tiġi miċħuda.

3 Regolament tal-Kunsill (KE), tat-18 ta' Diċembru 2008, dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU 2009, L 7, p. 1; rettifika fil-ĠU 2011, L 131, p. 26, u fil-ĠU 2013, L 8, p. 19).

4 Fit-talba għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju użat kliem li bih kemm it-talba għar-rikonoxximent tad-dritt għall-manteniment favur il-kreditriċi, u kif ukoll it-talba intiża li tnaqqas l-ammont tal-manteniment, jiġu ddefiniti bil-kelma "talba". B'mod koerenti, il-partijiet fil-proċedura mressqa wara li saret dik it-talba jiġu identifikati bħala "rikorrenti" ["wnioskodawca"] u "intimat" ["uczestnik postępowania"]. Nassumi li tali soluzzjoni hija ddettata min-natura tal-proċedura inkwistjoni fl-isfond tad-dispożizzjonijiet proċedurali Awstrijaċi li, b'dan il-mod, jevitaw li kawża li tirrigwarda l-obbligi tal-manteniment titqies bħala proċedura kontenzjuża, li fiha ir-rwoli proċedurali tar-"rikjedent" u tal-"parti l-oħra" jikkorrispondu għar-rwoli proċedurali ta' "rikorrent" u "konvenut". Madankollu, pereżempju fil-verżjoni bil-lingwa Pollakka tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, l-Artikolu 4(3) ma jirreferix għall-kunċett ta' "zgłoszenie wniosku" (preżentazzjoni ta' talba) min-naħa tal-kreditur ta' manteniment, iżda juża l-kunċett "wytoczenie powództwa" (tressaq azzjoni). Xi verżjonijiet lingwistiċi jużaw, madankollu, formulazzjonijiet iktar ġenerali li ma humiex determinanti għall-iskopijiet tas-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni. Pereżempju, fil-verżjoni Franċiża tintuża l-espressjoni: "le créancier a saisi l'autorité compétente", fil-verżjoni Ingliża: "the creditor has seized the competent authority", u fil-verżjoni Ġermaniża: "die berechtigte Person die zuständige Behörde […] angerufen". Xorta jibqa' l-fatt li, fir-Regolament Nru 4/2009, li lilu tikkonċerna t-tieni domanda preliminari, il-leġiżlatur tal-Unjoni uża l-kunċetti ta' "rikorrent" u ta' "konvenut" u mhux ta' "wnioskodawca" (rikjedenti, fis-sens li ppreżenta talba) u ta' "uczestnik" (parti l-oħra). Barra minn hekk, f'dawn il-konklużjonijiet, ser nuża l-kunċetti li jirriżultaw mir-Regolament Nru 4/2009 ("rikorrent" u "konvenut") kull meta jkun meħtieġ li jiġu ddefiniti r-rwoli proċedurali tal-partijiet fil-proċedura.

12. B'digriet tal-11 ta' Diċembru 2015, il-Bezirksgericht Innsbruck (il-Qorti Distrettwali ta' Innsbruck) ċaħdet it-talba għat-tnaqqis tal-manteniment. Skont dik il-qorti, it-talba tad-debitur kellha tiġi deċiża abbażi tal-liġi Taljana, peress li l-kreditriċi għandha r-residenza abitwali tagħha fl-Italja.

13. Ir-rikorrent appella minn dak id-digriet tal-11 ta' Diċembru 2015 quddiem il-Landesgericht Innsbruck (il-Qorti tal-Land ta' Innsbruck, l-Awstrija). B'digriet tad-9 ta' Marzu 2016, il-qorti tal-appell ikkonfermat id-deċiżjoni tal-qorti tal-ewwel istanza.

14. B'kuntrast mal-qorti tal-ewwel istanza, il-qorti tal-appell iddeċidiet madankollu li għall-evalwazzjoni tat-talba intiża għat-tnaqqis tal-ammont tal-manteniment kellha tiġi applikata l-liġi Awstrijaka. Id-digriet tal-10 ta' Ottubru 2014 kien fil-fatt ġie adottat abbażi tal-liġi Awstrijaka. Għaldaqstant, din qalet li, skont l-Artikolu 3(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ("F'każ ta' bidla fir-residenza abitwali tal-kreditur, il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida għandha tapplika mill-mument ta' meta sseħħ il-bidla"), il-bidla fil-liġi applikabbli tista' sseħħ biss jekk jiġi vverifikat tibdil fiċ-ċirkustanzi fattwali li abbażi tagħhom, skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali privat stabbiliti f'dak il-protokoll, tiġi stabbilita l-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment. Peress li wara l-adozzjoni tad-digriet tal-10 ta' Ottubru 2014 ma kienx hemm bdil fir-residenza abitwali ta' ebda waħda mill-partijiet fl-obbligu tal-manteniment, skont il-qorti tal-appell, ma kienx hemm lok li tinbidel il-liġi applikabbli għall-obbligu ineżami. Skont dik il-qorti, kieku kellha tiġi aċċettata pożizzjoni differenti, fis-sens li l-bdil fil-liġi applikabbli jista' jseħħ anki mingħajr it-tibdil tal-imsemmija ċirkustanzi fattwali, dan ikun jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn it-talbiet reċiproċi, intiżi rispettivament għaż-żieda jew għat-tnaqqis fl-ammont tal-manteniment, jiġu evalwati abbażi ta' liġijiet applikabbli differenti.

15. Id-debitur appella mid-digriet tad-9 ta' Marzu 2016 quddiem il-qorti tar-rinviju. Skont ir-rikorrenti, għall-evalwazzjoni tal-obbligu tal-manteniment għandha tapplika l-liġi Taljana. Skont dan, l-applikazzjoni korretta ta' dik il-liġi għandha, barra minn hekk, twassal biex tintlaqa' t-talba tiegħu intiża għat-tnaqqis tal-ammont tal-manteniment.

## IV. Id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

16. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 4(3) u tal-Artikolu 3 tal-Protokoll ta' Den Haag dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment tal-2007 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur tirregola wkoll it-talba ta' debitur intiża, minħabba bidla li taffettwa d-dħul tiegħu, għat-tnaqqis ta' ħlas ta' manteniment impost fuqu permezz ta' deċiżjoni li għandha l-awtorità ta' *res judicata* meta l-ammont tal-manteniment li għandu jitħallas kien ġie stabbilit mill-qorti, fuq it-talba tal-kreditur u skont l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment tal-2007, konformement mal-liġi tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu mhux mibdula?

Fil-każ li għall-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

2) L-Artikolu 4(3) tal- Protokoll ta' Den Haag dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment tal-2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kreditur għandu 'jadixxi' wkoll lill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu meta, fil-kuntest ta' proċedura mibdija mid-debitur quddiem din l-awtorità, il-kreditur jidher, fis-sens tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, tat-18 ta' Diċembru 2008, dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, u jitlob li t-talba tiġi miċħuda fil-mertu?"

17. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta’ April 2017.

18. A. Mölk, il-Gvern Portugiż u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

## V. L-analiżi

### *A. Fuq l-ewwel domanda*

19. Permezz tal-ewwel domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju essenzjalment titlob preċiżazzjoni dwar jekk il-fatt li l-kreditur jippreżenta talba intiża biex jikseb ir-rikonoxximent tad-dritt għall-manteniment quddiem l-awtorità tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali u li l-imsemmija awtorità tagħti deċiżjoni abbażi tal-liġi fis-seħħ f’dak l-Istat (Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007), jimplikax li l-liġi tal-Istat imsemmi għandha tapplika wkoll fil-kuntest ta’ proċedura mibdija sussegwentement mid-debitur, intiża biex jinbidel l-ammont tal-manteniment. Kif jirriżulta mill-kontenut tal-imsemmija domanda u miċ-ċirkustanzi fattwali esposti fit-talba għal deċiżjoni preliminari, f’dan il-każ, ir-residenza abitwali tad-debitur ma nbidlitx. Barra minn hekk, mill-kontenut tad-domanda preliminari inkwistjoni jirriżulta li lanqas ir-residenza abitwali tal-kreditriċi ma nbidlet.

20. Fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tirrileva l-eżistenza ta’ żewġ teżijiet differenti f’dak li jikkonċerna lil din il-problema.

21. Skont l-ewwel teżi, l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 japplika biss fil-proċeduri mibdija mill-kreditur. F’dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tirreferi qabel kollox għar-rapport ta’ Andrea Bonomi [5]. Fil-punt 67 tal-imsemmija rapport hemm ippreċiżat li l-applikazzjoni tal-liġi tal-forum hija ġġustifikata meta jkun il-kreditur li jippreżenta t-talba li tirrigwarda l-manteniment quddiem l-awtorità tal-Istat ta’ residenza abitwali tad-debitur. Min-naħa l-oħra, f’każ fejn il-proċeduri jinbdew mid-debitur, l-applikazzjoni tal-liġi tal-forum (il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur) tkun eċċessiva wisq.

22. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li din it-teżi għandha sostenn fid-duttrina. Fil-fatt, din tirrileva li l-liġi applikabbli għall-obbligu ta’ manteniment fil-proċeduri mibdija fuq inizjattiva tad-debitur hija dik tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur (Artikolu 3(1) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007).

23. It-tieni teżi tipprovdi li l-liġi li abbażi tagħha tkun ingħatat inizjalment deċiżjoni fuq il-manteniment, fi proċedura mibdija mill-kreditur, għandha tapplika anki fil-proċedura sussegwenti mibdija fuq inizjattiva tad-debitur. Fil-każ invers, id-debitur ikun jista’, anki wara perijodu ta’ żmien relattivament qasir, jibda proċedura oħra fejn il-liġi tal-Istat, li abbażi tagħha jkun ġie deċiż il-manteniment favur il-kreditur ma tkunx applikabbli. Dan iwassal għal limitazzjoni fid-dritt tal-kreditur li jagħżel, bħala l-liġi applikabbli għall-obbligu ta’ manteniment, il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur.

5 Rapport ta’ spjegazzjoni ta’ Andrea Bonomi dwar Il-Protokoll tat-23 ta’ Novembru 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta’ manteniment, Atti u dokumenti tal-wieħed u għoxrin sessjoni tal-Konferenza ta’ Den Haag (*2007*), disponibbli wkoll fil-verżjoni elettronika https://www.hcch.net/fr/publications-and-studies/details4/?pid=4898&dtid=3. Huwa minnu li r-rapporti ta’ spjegazzjoni fuq l-atti magħmula fil-kuntest tal-konferenza ta’ Den Haag tad-dritt internazzjonali privat ma humiex legalment vinkolanti. Madankollu, dawn jikkostitwixxu gwida utli fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħhom. L-iskop tal-imsemmija rapporti huwa fil-fatt li jispjegaw is-sens li d-delegazzjonijiet parteċipanti fix-xogħol riedu jagħtu lill-atti individwali maħluqa fil-kuntest tal-konferenza ta’ Den Haag tad-dritt internazzjonali privat. Ara https://www.hcch.net/fr/publications-and-studies/publications2/explanatory-reports.

*1. Pożizzjonijiet tal-partijiet*

24. A. Mölk isostni li l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 jiddetermina l-liġi applikabbli għall-obbligu ta’ manteniment fir-rigward biss tal-proċeduri mibdija mill-kreditur quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija dispożizzjoni ma tapplikax għall-proċeduri li jinbdew fuq inizjattiva tad-debitur.

25. Din hija wkoll il-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li tirrileva li l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 jikkostitwixxi dispożizzjoni derogatorja li, għaldaqstant, għandha tiġi interpretata b’mod ristrettiv. D’dan il-kuntest, din tirreferi għall-punt 67 tar-rapport ta’ A. Bonomi u tispjega li l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 ma japplikax għall-proċeduri mibdija mid-debitur quddiem l-awtorità tal-Istat li fih dan għandu r-residenza abitwali tiegħu. Din iżżid li xi kultant dan jista’ jwassal għal sitwazzjoni fejn tiġi applikabbli l-liġi ta’ Stat ieħor, li hija differenti mil-liġi li abbażi tagħha ngħatat id-deċiżjoni fuq il-manteniment fil-proċeduri mibdija qabel fuq inizjattiva tal-kreditur. Madankollu, skont il-Kummissjoni, dan ir-riskju huwa inerenti għas-sistema tad-dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali privat stabbilita fil-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007.

26. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Portugiż isostni li l-Artikolu 4 tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali tad-dritt internazzjonali privat, intiżi li jiffavorixxu lil ċerti kategoriji ta’ kredituri ta’ manteniment. Il-kreditur, li jadixxi lill-awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur, jista’ jiddetermina l-applikazzjoni tal-*lex fori* bħala l-liġi applikabbli għall-evalwazzjoni tal-obbligu tal-manteniment. Minn dan tikkonkludi li, fin-nuqqas ta’ bdil fiċ-ċirkustanzi fattwali, il-liġi ta’ dak l-Istat għandha tapplika anki għall-evalwazzjoni tal-obbligi tal-manteniment fil-proċeduri sussegwenti. Skont dan il-gvern, il-pożizzjoni kuntrarja tkun twassal għal sitwazzjoni fejn talbiet paralleli, li jirrigwardaw rispettivament iż-żieda u t-tnaqqis tal-ammont tal-manteniment, jiġu deċiżi abbażi ta’ żewġ liġijiet differenti applikabbli.

*2. Osservazzjoni preliminari*

27. Fl-ewwel lok, għandu jiġi nnotat li l-ewwel domanda preliminari ma tirrigwardax, essenzjalment, il-problema dwar jekk l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 japplikax fil-kawża prinċipali. Din il-kwistjoni tikkostitwixxi fil-fatt is-suġġett tat-tieni domanda preliminari. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-effetti tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 fl-ewwel proċedura jestendux ukoll għall-proċedura sussegwenti li tirrigwarda lill-istess obbligu ta’ manteniment, u, iktar preċiżament, fuq il-proċedura mibdija mid-debitur għall-iskopijiet li jikseb tnaqqis tal-ammont tal-manteniment.

28. Fil-fehma tiegħi, dan ifisser li b’interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007, ma huwiex possibbli li jinsiltu konklużjonijiet univoċi idonei biex tingħata risposta għall-ewwel domanda preliminari. Fir-rigward ta’ din id-dispożizzjoni huwa fil-fatt evidenti li l-*lex fori* tapplika għall-proċedura mibdija mill-kreditur quddiem l-awtorità tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu. Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjoni inkwistjoni ma tippermettix li jiġi ddeterminat jekk l-applikazzjoni tal-*lex fori* fl-imsemmija proċedura ikollhiex l-effetti fuq il-proċeduri sussegwenti li jirrigwardaw l-istess obbligu tal-manteniment mibdija mid-debitur. Jidhirli għaldaqstant li l-ewwel domanda preliminari għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-istruttura tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 u tar-*ratio legis* tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007.

### *3. Applikazzjoni tal-lex fori abbażi tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, ikkunsidrata fid-dawl ta' dispożizzjonijiet oħra tal-istess Protokoll dwar l-għażla tal-liġi applikabbli għall-obbligi tal-manteniment*

#### *a) Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 bħala d-dispożizzjoni li tippermetti lill-kreditur li jagħżel il-liġi applikabbli għall-obbligu tal-manteniment*

29. It-teżi tal-Gvern Portugiż, l-istess bħal xi wħud mill-kunsiderazzjonijiet esposti mill-qorti tar-rinviju, tikkoinċidi mal-fehma li r-rifjut, fi proċedura sussegwenti, li tiġi applikata l-liġi li kienet applikata abbażi tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 fi proċedura preċedenti, iwassal għal limitazzjoni tad-drittijiet tal-kreditur iddefiniti f'tali dispożizzjoni. Tali fehma hija bbażata fuq il-preżunzjoni li l-kreditur għandu l-possibbiltà li jagħżel il-liġi applikabbli għall-obbligu tal-manteniment, billi jippreżenta rikors għal-manteniment quddiem l-awtorità tal-Istat fejn id-debitur għandu r-residenza abitwali.

30. Madankollu, niddubita kemm din it-teżi tirrifletti b'mod korrett ir-rwol tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 fis-sistema tad-dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali privat stabbiliti mill-imsemmi protokoll.

31. Fid-dawl tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, il-liġi ġeneralment applikabbli għall-obbligi tal-manteniment hija l-liġi tal-Istat fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu (Artikolu 3(1) tal-imsemmi Protokoll). Madankollu, għal ċerti kategoriji ta' obbligi tal-manteniment, l-awturi tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 pprovdew dispożizzjonijiet speċjali tad-dritt internazzjonali privat. Dawn huma, b'mod partikolari, l-obbligi tal-ġenituri fil-konfront ta' uliedhom (Artikolu 4(1)(a) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007).

32. L-għan tad-dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali privat li jinsab fl-Artikolu 4(2) sa (4) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jikkonsisti fid-determinazzjoni tal-liġi li tista' tiġi applikata, b'mod sussidjarju, bħala l-liġi applikabbli għall-evalwazzjoni ta' obbligu ta' manteniment meta, abbażi tal-liġi ġeneralment applikabbli għal tali obbligu, il-kreditur ma jistax jikseb il-manteniment mid-debitur.

33. Fil-każ tal-proċeduri li għalihom japplika l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, il-liġi ġeneralment applikabbli għall-obbligu tal-manteniment, fis-sens tal-Artikolu 3 tal-istess protokoll, hija l-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur. Meta abbażi ta' dik il-liġi l-kreditur ma jistax jikseb il-manteniment, sussegwentement tiġi applikata l-liġi tal-forum (Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007)[6]. Finalment, meta, abbażi tal-imsemmija liġi l-kreditur ma jistax jikseb il-manteniment, tkun tapplika l-liġi tal-Istat taċ-ċittadinanza komuni tal-partijiet [Artikolu 4(4) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007].

34. Madankollu, l-ordni tal-liġijiet li jistgħu jiġu applikati għall-evalwazzjoni ta' obbligu ta' manteniment li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jippreżenta ruħu b'mod differenti. Fil-fatt, jekk il-kreditur jadixxi lill-awtorità tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu, tiġi tapplika l-liġi ta' dak l-Istat (il-*lex fori*). Jekk il-kreditur ma jistax jikseb manteniment mid-debitur abbażi tal-*lex fori*, tiġi tapplika, b'mod sussidjarju, il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur.

6 Għandu jiġi osservat li, ħlief fil-każ fejn iseħħ tibdil fir-residenza abitwali tal-partijiet f'obbligu ta' manteniment, tali possibbiltà tibqa' biss meta l-liġi tal-forum ma tkunx il-liġi tal-Istat li fih il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu. Ara l-konklużjonijiet tiegħi tat-30 ta' Jannar 2018 fil-Kawża KP (C-83/17, EU:C:2018:46, punti 48 u 49).

35. Dan ifisser li l-kreditur, meta jiddeċiedi li jressaq talba li tirrigwarda l-manteniment quddiem l-awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur, jista' jinfluwenza d-determinazzjoni tal-liġi ġeneralment applikabbli għall-evalwazzjoni tal-obbligu ta' manteniment. Fi proċedura mressqa quddiem l-awtorità tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu, il-kreditur ma jistax madankollu jippretendi li, bħala l-liġi ġeneralment applikabbli għall-obbligu ta' manteniment, tiġi applikata (minflok il-*lex fori*) il-liġi tal-Istat li fih għandu r-residenza abitwali tiegħu. Tali liġi tista' tiġi applikata biss b'mod sussidjarju, meta l-kreditur ma jkunx jista' jikseb manteniment mid-debitur abbażi tal-*lex fori*. L-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ma jirreferix għaldaqstant għall-għażla tal-liġi applikabbli fis-sens strett tal-kelma. Pjuttost, f'dan il-każ, dan huwa mekkaniżmu ta' għażla indiretta tal-liġi jew, b'riferiment għall-formulazzjoni użata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha f'kuntest xi ftit differenti, għażla *de facto* tal-liġi [7].

36. Fid-dawl tal-partikolarità tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, jeħtieġ, fil-fehma tiegħi, li jiġi eżaminat jekk l-effetti tal-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni għandhomx ikunu mxebbha mal-għażla sħiħa tal-liġi applikabbli għall-obbligu tal-manteniment li, bħala prinċipju, għandha effetti fuq il-proċeduri kollha li jirrigwardaw obbligu ta' manteniment partikolari.

*b) Effetti tal-applikazzjoni tal-lex fori fi proċedura mibdija fuq inizjattiva tal-kreditur*

37. Għandu jitfakkar li, fid-dawl tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, il-partijiet għandhom il-possibbiltà li "jiffissaw" b'mod speċifiku l-kwistjoni tal-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment, billi jagħżlu lil din il-liġi fis-sens tal-Artikolu 8(1) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. L-għażla magħmula abbażi tal-imsemmija dispożizzjoni għandha, bħala prinċipju, effett fuq il-proċeduri kollha li jirrigwardaw obbligu ta' manteniment partikolari.

38. B'hekk, id-dubji tal-qorti tar-rinviju jistgħu jinġabru fid-domanda li ġejja: il-possibbiltà tal-kreditur li jagħżel il-liġi applikabbli, billi jibda proċedura quddiem l-awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur, għandha tkun ekwiparata, fir-rigward tal-effetti, mal-għażla tal-liġi applikabbli magħmula mill-partijiet fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

39. Abbażi tal-Artikolu 8 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, il-partijiet jistgħu jagħżlu waħda mid-diversi liġijiet indikati hemmhekk. Skont l-Artikolu 8(b) ta' dak il-protokoll, dik l-għażla tista' tikkonsisti, b'mod partikolari, fl-għażla, bħala l-liġi applikabbli, tal-liġi tal-Istat li tiegħu xi waħda mill-partijiet tal-obbligu tal-manteniment hija residenti abitwali fil-mument tal-għażla. Huwa importanti li jiġi osservat li l-liġi tal-Istat li fih xi waħda mill-partijiet għandha r-residenza abitwali hija applikabbli, bħala liġi magħżula, fil-proċeduri kollha li jirrigwardaw l-imsemmi obbligu ta' manteniment, indipendentement mill-fatt dwar jekk proċedura partikolari tinstemax mill-awtorità ta' dan l-Istat jew le.

7 Fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Lulju 2016, Verein für Konsumenteninformation (C-191/15, EU:C:2016:612, punt 47), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li bl-għajnuna tal-għażla tal-liġi applikabbli għall-obbligu kuntrattwali fis-sens tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6), f'ċerti każijiet huwa possibbli "de facto […] jagħżel il-liġi" li għaliha għandu jkun suġġett obbligu mhux kuntrattwali. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment għal distinzjoni, li hija kkonsolidata fid-duttrina, bejn l-għażla diretta tal-liġi applikabbli u l-għażla indiretta tal-liġi applikabbli (J. Basedow, The Law of Open Societies - Private Ordering and Public Regulation of International Relations, Recueil des cours de l'Académie de La Haye, vol. 360, 2013, p. 239 *et seq.*), kultant indikata wkoll bħala effett indirett fuq l-applikabbiltà tal-liġi (M. Pazdan, *Kolizyjnoprawny wybór prawa a inne przejawy autonomii woli w prawie prywatnym międzynarodowym*, w: A. Matlak, S. Stanisławska-Koc (kurr.), *Spory o własność intelektualną*. Księga jubileuszowa dedykowana Profesorom Janoszowi Barcie i Ryszardowi Markiewiczowi, Warszawa, Wolters Kluwer Polska 2013, p. 782 *et seq.*).

40. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 huwa bbażat fuq premessa oħra. F'dan il-każ, dan jittratta esklużivament l-applikazzjoni tal-*lex fori* fil-proċeduri mibdija fuq inizjattiva tal-kreditur quddiem l-awtorità tal-Istat ta' residenza abitwali tad-debitur. B'kuntrast mal-għażla tal-liġi magħmula abbażi tal-Artikolu 8 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, l-għan tal-Artikolu 4(3) tal-imsemmi protokoll ma huwiex għaldaqstant dak li "jistabbilixxi" l-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment, b'mod li jagħmilha applikabbli, bħala l-liġi li tirregola l-obbligu, fil-proċeduri kollha li jirrigwardaw obbligu ta' manteniment partikolari.

41. Barra minn hekk, fil-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ssir distinzjoni ċara bejn l-effetti tal-għażla tal-liġi applikabbli magħmula abbażi tal-Artikolu 8 ta' dak il-protokoll u l-għażla magħmula abbażi tal-Artikolu 7 tiegħu. Din l-aħħar dispożizzjoni tipprovdi għall-possibbiltà li tintgħażel il-*lex fori* għall-iskopijiet ta' proċedura speċifika. L-għażla magħmula abbażi ta' din id-dispożizzjoni ma jkollhiex effetti, għaldaqstant, fuq il-proċeduri sussegwenti li jirrigwardaw lill-istess obbligu ta' manteniment.

42. L-awturi tal-protokoll kienu pprevedew, għaldaqstant, li xi kultant l-għażla ta' liġi għall-iskopijiet ta' proċedura speċifika tista' tirriżulta li hija fl-interess tal-partijiet involuti fl-obbligu tal-manteniment, minkejja li kull waħda minnhom tista', sussegwentement, fil-prinċipju, tibda proċedura oħra fejn l-imsemmija għażla ma tkunx għadha rilevanti. Fid-dawl tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ma tistax għaldaqstant tiġi eskluża l-possibbiltà li jiġu applikati liġijiet differenti fil-proċeduri sussegwenti li jinbdew bejn l-istess partijiet. Tali soluzzjoni tidher inerenti għas-sistema ta' dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali privat stabbiliti mill-protokoll inkwistjoni.

43. Jidhirli għaldaqstant li l-effetti tal-applikazzjoni tal-*lex fori* abbażi tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, fi proċedura mibdija mill-kreditur quddiem l-awtorità tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali, ma humiex identiċi għal dawk li jirriżultaw mill-għażla tal-liġi applikabbli li ssir skont l-Artikolu 8 tal-istess protokoll. L-effetti tal-applikazzjoni tal-*lex fori* abbażi tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jippreżentaw ċerti elementi ta' xebh mal-effetti tal-għażla tal-liġi applikabbli li ssir għall-iskopijiet ta' proċedura speċifika abbażi tal-Artikolu 7 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. L-applikazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, tal-liġi tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali fil-proċeduri mibdija mill-kreditur ma timplikax, għaldaqstant, li l-istess liġi għandha tiġi applikata fi proċedura mibdija sussegwentement fuq inizjattiva tad-debitur.

*c) Limitazzjonijiet tal-effetti li jirriżultaw mill-għażla tal-liġi applikabbli li ssir abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007*

44. Favur it-teżi, li skontha l-applikazzjoni tal-*lex fori* fi proċedura mibdija mill-kreditur ma jkollhiex effetti fuq proċeduri sussegwenti mibdija mid-debitur, jeżistu ċerti limitazzjonijiet li jirrigwardaw l-għażla tal-liġi magħmula abbażi tal-Artikolu 8 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, li ma japplikawx fil-każ ta' għażla magħmula abbażi tal-Artikolu 7 tal-istess protokoll.

45. Fl-ewwel lok, skont l-Artikolu 8(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, l-għażla tal-liġi applikabbli ma tistax issir fir-rigward ta' obbligi ta' manteniment fil-konfront ta' persuna ta' inqas minn tmintax-il sena [8].

8 Huwa minnu li l-kawża prinċipali nbdiet fl-2015, u li l-kreditriċi fil-kawża prinċipali twieldet fl-1996. Dan ifisser li qabel inbdiet il-kawża prinċipali, il-kreditriċi kienet għalqet tmintax-il sena. Ma huwiex ċar, madankollu, jekk il-kreditriċi kinitx laħqet din l-età fil-mument meta nbdiet il-proċedura li fiha kien ingħata d-digriet tal-10 ta' Ottubru 2014. Madankollu, dan ma huwiex ta' rilevanza deċiżiva għall-iskopijiet tal-analiżi li tirrigwarda l-ewwel domanda preliminari. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, li l-Qorti tal-Ġustizzja ser tadotta fis-sentenza li ser tingħata f'din il-kawża, ser tkun tapplika wkoll f'ċirkustanzi fattwali li jkunu differenti minn dawk li jsawru l-kawża prinċipali.

46. Tali limitazzjoni tal-ammissibbiltà tal-għażla tal-liġi applikabbli ma kinitx prevista fl-Artikolu 7 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Fil-punt 111 tar-rapport ta' A. Bonomi, hemm spjegat li r-riskji li jirriżultaw mill-għażla tal-liġi magħmula għall-iskopijiet ta' proċedura speċifika huma inqas meta mqabbla ma' dawk li jirriżultaw f'każ ta' għażla magħmula abbażi tal-Artikolu 8 tal-istess protokoll, li jipproduċi effetti dejjiema fuq il-proċeduri kollha li jirrigwardaw l-istess obbligu ta' manteniment. Minn dan jirriżulta li persuna li ma għalqitx tmintax-il sena tista', flimkien mad-debitur, tagħżel il-liġi applikabbli għall-iskopijiet ta' proċedura speċifika abbażi tal-Artikolu 7 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

47. Limitazzjoni simili li tirrigwarda l-ammissibbiltà li ssir għażla indiretta tal-liġi applikabbli, permezz tal-ftuħ, min-naħa tal-kreditur, ta' proċedura quddiem l-awtorità tal-Istat ta' residenza abitwali tad-debitur, lanqas ma ġiet ifformulata espressament fl-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Madankollu, l-imsemmija dispożizzjoni tirreferi, fost l-oħrajn, għall-proċeduri li jirrigwardaw l-obbligi tal-manteniment tal-ġenituri fil-konfront tat-tfal tagħhom (Artikolu 4(1)(a) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007). Tali fattispeċi jinkludu għaldaqstant ukoll il-ħlas ta' manteniment favur persuna li għandha inqas minn tmintax-il sena. Għaldaqstant, dawn huma persuni li ma setgħux jagħmlu l-għażla tal-liġi applikabbli abbażi tal-Artikolu 8(1) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 minħabba l-limitazzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(3) tal-imsemmi protokoll.

48. Fil-fehma tiegħi, anki l-liġi indikata bħala applikabbli abbażi tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ssib applikazzjoni biss fi proċedura speċifika mibdija mill-kreditur quddiem l-awtorità tal-Istat fejn id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu. L-approċċ differenti, fejn l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur ikollha effett anki fuq proċeduri sussegwenti mibdija mid-debitur, jippermetti li tiġi evitata l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 fil-każijiet fejn il-kreditur ma jkunx għalaq tmintax-il sena [9].

49. Fit-tieni lok, skont l-Artikolu 8(5) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, sakemm, fil-mument tal-għażla, il-partijiet ma kinux kompletament informati dwar u konxji mill-konsegwenzi tal-għażla tagħhom, il-liġi magħżula ma tapplikax jekk l-applikazzjoni tagħha timplika konsegwenzi manifestament inġusti jew irraġonevoli għal xi waħda mill-partijiet. Tali limitazzjoni ma hijiex prevista mill-Artikolu 7 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

50. L-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 lanqas ma jissuġġetta l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur għall-konsegwenzi li l-liġi ta' dak l-Istat tista' jkollha fil-konfront tal-partijiet f'obbligu ta' manteniment. Dan ifisser li, kif ġie spjegat fil-punt 66 tar-rapport ta' A. Bonomi, il-*lex fori* tapplika fil-proċeduri mibdija mill-kreditur quddiem l-awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur anki meta tali liġi tirriżulta inqas favorevoli għall-kreditur meta mqabbla mal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-imsemmi kreditur. L-assenza, fl-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, ta' soluzzjoni simili għal dik prevista fl-Artikolu 8(5) tal-imsemmi protokoll, tista' b'hekk tiġi spjegata bil-fatt li l-għażla tal-*lex fori* bħala l-liġi applikabbli għall-evalwazzjoni ta' obbligu ta' manteniment, hija ta' natura provviżorja.

51. Jidhirli għaldaqstant li d-differenzi hekk identifikati bejn l-Artikolu 8 u l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jikkonfortaw it-teżi li tgħid li l-applikazzjoni tal-*lex fori* abbażi ta' din l-aħħar dispożizzjoni fi proċedura mibdija fuq inizjattiva tal-kreditur quddiem l-awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur, ma timplikax li l-imsemmija liġi għandha tiġi applikata anki fil-proċeduri sussegwenti mibdija fuq inizjattiva tad-debitur.

52. Għalkemm il-konklużjonijiet li jirriżultaw mill-interpretazzjoni sistematika tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jidhru, fil-fehma tiegħi, inekwivoċi, fil-punti li ġejjin ser inqabbilhom mar-*ratio legis* tal-Artikolu 4(3) tal-imsemmi protokoll.

9 Ġbidt l-attenzjoni fuq din il-kwistjoni fil-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża KP (C-83/17, EU:C:2018:46, nota 23).

*4. Ratio legis tal-applikazzjoni tal-lex fori abbażi tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007*

53. Fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet li jinsabu fil-punt 66 tar-rapport ta' A. Bonomi, jirriżulta li r-raġuni prinċipali li għaliha l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jimponi l-applikazzjoni tal-*lex fori* fil-proċeduri mibdija mill-kreditur quddiem l-awtorità tal-Istat fejn id-debitur għandu r-residenza abitwali hija rrappreżentata mill-iskop li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn l-awtorità, adita bi kwistjoni fil-qasam tal-manteniment, tapplika liġi barranija. Tali tranżazzjoni tista' fil-fatt tirriżulta li tieħu ħafna ħin u tiġġenera spejjeż inutli [10].

54. F'dan il-kuntest, irrid nenfasizza ċerta partikolarità tal-proċedura, li fil-kuntest tagħha l-qorti tar-rinviju ressqet it-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha. Issa, il-kawża prinċipali nbdiet mid-debitur kontra l-kreditur ta' manteniment quddiem il-qorti tal-Istat fejn id-debitur għandu r-residenza abitwali (il-qorti Awstrijaka).

55. Is-soluzzjoni aċċettata b'mod wiesgħa fil-proċedura ċivili internazzjonali hija l-possibbiltà għar-rikorrent li jibda l-proċedura quddiem il-qorti tal-Istat li jkollha xi tip ta' konnessjoni mal-persuna tal-konvenut. Din tista' tkun, b'mod partikolari, ir-residenza abitwali tal-konvenut. Tali soluzzjoni tirrifletti l-prinċipju *actor sequitur forum rei* [11].

56. Xi kultant, id-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati jipprovdu derogi għal tali prinċipju. Madankollu, dawn huma ta' natura eċċezzjonali. B'hekk, ir-Regolament Nru 4/2009 jippermetti lill-kreditur ta' manteniment li jibda l-proċeduri kontra d-debitur quddiem il-qorti tal-post tar-residenza abitwali tal-kreditur. Min-naħa l-oħra, dan ir-Regolament Nru 4/2009 ma jipprovdix dispożizzjoni simili li tippermetti lid-debitur li jibda proċeduri kontra l-kreditur quddiem il-qorti tal-post tar-residenza abitwali tad-debitur. Tali approċċ huwa bbażat fuq il-premessa li tgħid li l-kreditur ta' manteniment huwa l-"parti l-iktar dgħajfa" li teħtieġ protezzjoni addizzjonali fuq livell ta' ġurisdizzjoni.

57. Dan ifisser li, f'ċirkustanzi bħal dawk ta' din il-kawża, il-kawża prinċipali ssir quddiem awtorità ġudizzjarja li ma għandhiex, fil-prinċipju, ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kwistjonijiet fil-qasam tal-obbligi ta' manteniment mibdija mid-debitur kontra l-kreditur. Madankollu, mill-kontenut tat-tieni domanda preliminari nista' niddeduċi li l-qorti tal-ewwel istanza deherilha li kellha l-ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-kawża minħabba l-fatt li l-kreditriċi ssottomettiet għall-ġudizzju, mingħajr ma qajmet l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti inkwistjoni. Il-possibbiltà ta' awtorità ġudizzjarja li, bħala prinċipju, ma għandhiex ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' kwistjonijiet fil-qasam tal-manteniment, hija prevista fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 4/2009.

58. Kieku, f'ċirkustanzi bħal dawk ta' din il-kawża, il-kreditriċi kienet ikkontestat il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-ewwel istanza fil-kawża prinċipali, tali awtorità ġudizzjarja kienet probabbilment tqis ruħha li ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża. Konsegwentement, id-debitur kien ikollu jressaq il-kawża quddiem l-awtorità ġudizzjarja tal-post tar-residenza abitwali tal-kreditriċi ta' manteniment (il-qorti Taljana). Għal dik il-qorti, il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur (il-liġi Awstrijaka) li abbażi tagħha ġie adottat id-digriet tal-10 ta' Ottubru 2014, fir-rigward tat-talba li tirrigwarda l-manteniment, ma hijiex il-*lex fori*, iżda l-liġi barranija.

10 Ara wkoll L. Walker, Maintenance and Child Support in Private International Law, Oxford – Portland, Hart Publishing 2015, p. 83. Din hija, għaldaqstant, soluzzjoni differenti minn dik prevista fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Fl-isfond ta' din id-dispożizzjoni, il-*lex fori* għandha rwol sekondarju. Skont l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, il-*lex fori* tapplika biss jekk il-kreditur ma jkunx jista' jikseb il-manteniment mingħand id-debitur bis-saħħa tal-liġi ġeneralment applikabbli għall-obbligu tal-manteniment, jiġifieri tal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur. Din ma hijiex kwistjoni, għaldaqstant, li titħaffef il-proċedura u li jitnaqqsu l-ispejjeż tagħha, peress li l-liġi ġeneralment applikabbli hija dik tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur. Ovvjament, din ma għandhiex neċessarjament tkun il-liġi tal-forum. F'tali każijiet, l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, bħala prinċipju ma japplikax. Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża KP (C-83/17, EU:C:2018:46, punti 48 u 49).

11 V. Lazić, Procedural Justice for 'Weaker Parties' in Cross-Border Litigation under the EU Regulatory Scheme, Utrecht Law Review 2014, Vol. 10, Ħarġa 4, p. 105, nota 38.

59. Konsegwentement, il-fatt li fil-kawża prinċipali l-awtoritajiet ġudizzjarji Awstrijaċi ser japplikaw il-liġi Awstrijaka ma jistax jissostanzja r-risposta għall-ewwel domanda preliminari li tgħid li l-applikazzjoni tal-*lex fori* fis-sens tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 fil-proċedura mibdija fuq inizjattiva tal-kreditur timplika li l-imsemmija liġi tapplika anki fi proċedura mressqa sussegwentement mid-debitur.

60. Huwa minnu li l-kawża prinċipali qiegħda quddiem qorti tal-post fejn id-debitur jirrisjedi abitwalment (qorti Awstrijaka), li għaliha l-liġi tal-Istat, li qabel, abbażi tagħha, kien irrikonoxxut id-dritt għall-manteniment, jirrappreżenta l-*lex fori*.

61. Din is-sitwazzjoni ma kinitx isseħħ, fil-fatt, kieku d-debitur kien ressaq it-talba tiegħu għat-tnaqqis tal-ammont tal-manteniment quddiem l-awtorità ġudizzjarja li ġeneralment ikollha ġurisdizzjoni li tiddeċiedi fuq tali talba (l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat fejn jirrisjedi l-kreditur). F'tali ipoteżi, il-liġi tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali, u li abbażi tagħha ngħatat id-deċiżjoni, fid-digriet tal-10 ta' Ottubru 2014, fir-rigward tat-talba li tirrigwarda l-manteniment, tiġi applikata b'kuntrast mal-premessa li fuqha huwa bbażat l-Artikolu 4(3) tal-protokoll ta' Den Haag tal-2007. Fil-fatt, din ma hijiex il-*lex fori*.

62. Għaldaqstant, għandu jiġi rrilevat li, anki fid-dawl tar-*ratio legis* tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, l-applikazzjoni tal-*lex fori* fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, fil-proċedura mibdija fuq inizjattiva tal-kreditur quddiem l-awtorità tal-post tar-residenza abitwali tad-debitur, ma tfissirx li l-imsemmija liġi għandha tapplika wkoll fil-proċeduri sussegwenti mibdija mid-debitur.

*5. L-implementazzjoni tad-diversi liġijiet applikabbli fil-kuntest tal-proċeduri intiżi għaż-żieda jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-manteniment*

63. Nifhem l-argument tal-Gvern Portugiż, li jgħid li risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda preliminari tista' twassal għal sitwazzjoni fejn it-talbiet paralleli, li jirrigwardaw iż-żieda u t-tnaqqis rispettivament tal-ammont tal-manteniment, jispiċċaw biex jiġu deċiżi abbażi ta' żewġ liġijiet applikabbli differenti.

64. F'dan ir-rigward naqbel, madankollu, mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li tenfasizza li tali eventwalità hija inerenti għas-sistema tad-dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali privat stabbiliti mill-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Fil-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet irrilevajt ukoll li l-possibbiltà li jiġu applikati diversi liġijiet bħala liġijiet li jirregolaw l-obbligu tal-manteniment, fil-proċeduri sussegwenti mibdija bejn l-istess partijiet, tikkostitwixxi konsegwenza naturali tal-għażla tal-liġi applikabbli għall-iskopijiet ta' proċedura speċifika abbażi tal-Artikolu 7 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

65. Jidhirli għaldaqstant li l-ħtieġa li jiġu applikati diversi liġijiet li jirregolaw l-obbligu tal-manteniment fil-proċeduri sussegwenti li jirrigwardaw l-istess obbligu ta' manteniment ma jiġġustifikax l-abbandun tal-interpretazzjoni sistematika u teleoloġika tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, skont liema l-effetti tal-applikazzjoni tal-*lex fori* f'kawża mibdija mill-kreditur quddiem l-awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur jispiċċaw ma' dik il-kawża.

66. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għall-ewwel domanda preliminari billi tiddikjara li l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li deċiżjoni li tirrigwarda l-manteniment tingħata abbażi tal-*lex fori*, fi proċedura mibdija fuq inizjattiva tal-kreditur kontra debitur quddiem l-awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur, ma għandux il-konsegwenza li l-liġi ta' dak l-Istat għandha tapplika fi proċedura sussegwenti mibdija mid-debitur kontra l-kreditur intiża għat-tnaqqis tal-ammont tal-manteniment.

## *B. Fuq it-tieni domanda*

67. It-tieni domanda preliminari ġiet ifformulata f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi li, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur ma huwiex biżżejjed il-fatt li d-deċiżjoni li tirrigwarda l-manteniment mogħtija qabel ġiet adottata abbażi ta' dik il-liġi. Permezz tat-tieni domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tixtieq tistabbilixxi jekk il-fatt li l-kreditur jissottometti għall-ġudizzju quddiem awtorità li, bħala prinċipju, ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fir-rigward tal-obbligi tal-manteniment, huwiex ekwivalenti għall-ipoteżi fejn "il-kreditur diġà jkun irrikorra għall-awtorità kompetenti tal-Istat fejn id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu", fis-sens tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Dan ikun ifisser li l-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur tapplika fil-kawża prinċipali bħala l-*lex fori*.

68. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, f'sitwazzjoni fejn id-debitur iressaq it-talba li tirrigwarda l-manteniment quddiem l-awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tiegħu, il-kreditur jista' jeċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dik l-awtorità [12]. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk għandux, għaldaqstant, jingħad li, meta l-kreditur jissottometti għall-ġudizzju u ma jikkontestax il-ġurisdizzjoni ta' dik l-awtorità, huwa jkunx fir-realtà qiegħed "[j]irrikorr[i] għall-awtorità kompetenti tal-Istat fejn id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu" fis-sens tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

69. A. Mölk u l-Kummissjoni jipproponu li tingħata risposta fin-negattiv għat-tieni domanda preliminari. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Portugiż jidhirlu li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari proposta minn dan il-gvern tiddetermina r-risposta għat-tieni domanda preliminari.

70. B'hekk, biex tingħata risposta għat-tieni domanda preliminari jeħtieġ li jiġi interpretat l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, sabiex jiġi stabbilit jekk tali dispożizzjoni hijiex applikabbli għall-kawża prinċipali.

### *1. L-applikazzjoni tal-lex fori fi proċeduri mibdija fuq inizjattiva tad-debitur fid-dawl tal-interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 u tal-interpretazzjoni sistematika ta' dan il-protokoll*

71. Għandu jitfakkar li l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 japplika għal kategorija limitata ta' obbligi ta' manteniment u japplika biss f'każ partikolari ta' proċeduri. Din id-dispożizzjoni tirrigwarda, l-obbligi ta' manteniment tal-ġenituri lejn uliedhom (Artikolu 4(1)(a) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007). Barra minn hekk, hija ma tapplikax f'kull proċedura li tirrigwarda l-ħlas tal-manteniment mill-ġenituri lejn uliedhom. Din tapplika biss jekk "il-kreditur diġà jkun irrikorra għall-awtorità kompetenti tal-Istat fejn id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu".

72. Ma għandix dubji li l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jirrappreżenta dispożizzjoni ta' natura eċċezzjonali. Ċertament, dan l-artikolu ma għandux jiġi interpretat b'mod estensiv. Xejn ma jindika li l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 għandu jiġi applikat anki f'sitwazzjoni fejn id-debitur jibda proċedura quddiem l-awtorità tal-post tar-residenza abitwali tiegħu stess. Dan ikun jimplika, fil-fatt, li d-dispożizzjoni inkwistjoni tiġi applikata fil-proċeduri kollha pendenti quddiem l-awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur.

12 Ara wkoll il-punti 54 sa 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

73. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 jiddetermina l-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu stess billi juża kliem li jirreferu għal sett speċifiku ta’ ċirkustanzi proċedurali. Jirreferi għall-każ fejn il-kreditur jadixxi lill-awtorità tal-Istat fejn id-debitur għandu r-residenza abitwali. Min-naħa l-oħra, ma hemmx din it-tip ta’ formulazzjoni, pereżempju, fl-Artikolu 4(2) u (4) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007.

74. L-awturi tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 taw, għaldaqstant, formulazzjoni speċifika lill-Artikolu 4(3) ta’ dan il-protokoll, billi pprovdew il-possibbiltà li dan jiġi applikat jekk ikun jeżisti sett speċifiku ta’ ċirkustanzi proċedurali, ħaġa li tikkuntrasta b’mod ċar mal-formulazzjonijiet l-oħra li jinsabu fl-Artikolu 4 tal-protokoll. Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007, dan ma għandux, fil-fehma tiegħi, jiġi interpretat estensivament, b’mod li l-imsemmija dispożizzjoni titqies applikabbli anki għall-proċeduri mibdija mid-debitur. L-interpretazzjoni inversa tista’, f’ċerti sitwazzjonijiet, twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 fil-proċeduri fejn għandu jiġi applikat l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll inkwistjoni.

75. Jidhirli għaldaqstant li l-konklużjonijiet li jirriżultaw mill-interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 u mill-interpretazzjoni sistematika tal-istess protokoll, jidhru li jeskludu b’mod ċar il-possibbiltà li tiġi applikata l-*lex fori* fil-proċeduri mibdija mid-debitur kontra l-kreditur quddiem l-awtorità tal-Istat, li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali.

*2. L-applikazzjoni tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 fil-proċeduri mibdija fuq inizjattiva tad-debitur fid-dawl tar-ratio legis tad-dispożizzjoni inkwistjoni*

76. Fir-realtà nara ċerti vantaġġi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-*lex fori* fil-proċeduri mibdija mid-debitur quddiem l-awtorità tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu. Din is-soluzzjoni tista’, xi kultant, tikkontribwixxi biex tħaffef il-proċedura u tnaqqas l-ispejjeż marbutin mal-ħtieġa li jiġi ddeterminat il-kontenut tal-liġi barranija min-naħa tal-awtorità mitluba biex tiddeċiedi fuq il-manteniment.

77. Xorta jibqa’ l-fatt li s-sempliċi fatt li l-kreditur jissottometti għall-ġudizzju u ma jikkontestax il-ġurisdizzjoni tal-awtorità adita bil-kawża ma jfissirx li hu jaċċetta l-applikazzjoni ta’ liġi speċifika applikabbli. F’ċerti każijiet, jista’ jirriżulta li jkun fl-interess tal-kreditur li jħalli lill-awtorità tal-post tar-residenza abitwali tad-debitur tiddeċiedi l-kawża. Madankollu, l-istess raġunijiet ma jimplikawx neċessarjament li l-qtugħ tal-kawża abbażi tal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur ikun fl-interess tal-kreditur.

78. Kontra t-teżi li ssostni li l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 huwa applikabbli fil-proċedura quddiem awtorità li tkun kisbet ġurisdizzjoni wara li l-kreditur jissottometti għall-ġudizzju quddiemha, hemm ukoll il-kjarifiki li jinsabu fil-punt 114 tar-rapport ta’ A. Bonomi.

79. Fl-imsemmi rapport jiġi ċċarat li, min-naħa, il-possibbiltà li tintgħażel il-*lex fori* bħala l-liġi applikabbli għall-iskopijiet ta’ proċedura speċifika fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007 hija irrilevanti fir-rigward ta’ proċeduri mibdija fuq inizjattiva tal-kreditur (li taqa’ taħt waħda mill-kategoriji elenkati fl-Artikolu 4(1) ta’ dak il-protokoll) quddiem l-awtorità tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali. F’sitwazzjoni fejn il-kreditur jadixxi lill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat fejn id-debitur għandu r-residenza abitwali, il-*lex fori* tiġi tapplika bħala l-liġi applikabbli fis-sens tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007. Min-naħa l-oħra, il-kreditur u d-debitur jistgħu jagħżlu l-*lex fori* bħala l-liġi applikabbli għall-iskopijiet ta’ proċedura speċifika, abbażi tal-Artikolu 7 tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007, fil-każ fejn huwa d-debitur li jippreżenta t-talba dwar il-manteniment quddiem l-awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tiegħu, bil-kundizzjoni li din l-awtorità jkollha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża.

80. Fil-punt 57 ta' dawn il-konklużjonijiet diġà spjegajt li l-awtorità tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tista' tikseb il-ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża mibdija minn dak id-debitur, b'mod partikolari wara li l-kreditur jissottometti għall-ġudizzju. Dawn huma għalhekk iċ-ċirkustanzi li għalihom tirreferi t-tieni domanda preliminari.

81. Fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet ipprovduti fil-punt 114 tar-rapport ta' A. Bonomi, il-partijiet fil-kawża prinċipali jistgħu jagħżlu l-*lex fori* bħala l-liġi applikabbli għall-iskopijiet ta' proċedura speċifika fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Dan ifisser li l-Artikolu 4(3) ta' dak il-protokoll ma huwiex applikabbli fil-proċedura msemmija. Fin-nuqqas, l-għażla tal-*lex fori* għall-iskopijiet ta' proċedura speċifika ma tkunx possibbli, inkwantu tali liġi tkun diġà l-liġi applikabbli skont l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

82. Bħala konklużjoni, ma narax argumenti konvinċenti, ibbażati fuq interpretazzjoni teleoloġika, li huma xierqa biex jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' soluzzjoni differenti minn dik ikkonfortata mill-konklużjonijiet li jirriżultaw mill-interpretazzjoni litterali u sistematika tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Fil-fehma tiegħi, għaldaqstant, ma jeżistux raġunijiet leġittimi biex jingħad li proċedura titqies li nbdiet mill-kreditur minħabba l-fatt biss li huwa ssottometta għall-ġudizzju u ma kkontestax il-ġurisdizzjoni tal-awtorità adita.

83. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għal din id-domanda billi tiddikjara li l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-imsemmija dispożizzjoni ma tapplikax f'sitwazzjoni, fejn il-kreditur jissottometti għall-ġudizzju fil-kuntest ta' proċedura mibdija fuq inizjattiva tad-debitur quddiem l-awtorità tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali, minkejja l-fatt li wara li jidher il-kreditur, tali awtorità tikseb il-ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-proċedura skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 4/2009.

## VI. Konklużjoni

84. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) kif ġej:

1) L-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment, li jinsab anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/941/KE, tat-30 ta' Novembru 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li d-deċiżjoni li tirrigwarda l-manteniment mogħtija abbażi tal-liġi tal-forum, fi proċedura mibdija fuq inizjattiva tal-kreditur kontra d-debitur quddiem l-awtorità tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur, ma timplikax li l-liġi ta' dak l-Istat għandha tapplika fi proċedura sussegwenti mibdija mid-debitur kontra l-kreditur intiża għat-tnaqqis tal-ammont tal-manteniment.

2) L-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-imsemmija dispożizzjoni ma tapplikax f'sitwazzjoni, fejn il-kreditur jissottometti għall-ġudizzju fil-kuntest ta' proċedura mibdija fuq inizjattiva tad-debitur quddiem l-awtorità tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali, minkejja l-fatt li wara li jidher il-kreditur, tali awtorità tikseb il-ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-proċedura skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment.